MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 412/2011

**Maria Theresa *sive* Tessie miżżewġa Mann f'isimha proprio kif ukoll bħala mandatarja speċjali tal-imsefrin Joseph Camilleri u Nazzareno *sive* Reno Camilleri;**

**Lucy armla ta' Carmelo *sive* Charles Camilleri għal kull interess li jista' jkollha u Deborah Saliba, f'isimha proprio kif ukoll debitament awtorizzata f'isem oħtha l-imsiefra Jennifer Camilleri;**

**L-Avukat Dottor Philip Manduca bħala mandatarju speċjali tal-imsefrin Roslynn Annette armla ta' John Camilleri għal kull interess li jista' jkollha, Leanne Janne Camilleri, Pauline Gaye Smith u Karen Maree Camilleri**

**-vs-**

**Anthony *sive* Twanny Camilleri u Emanuel Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-atturi fis-27 t'April 2011, fejn ġie premess:

Illi fl-20 t'Awissu 1983 miet Antonio *sive* Ninu Camilleri mentri fil-11 t'Ottubru 1999 mietet l-armla tiegħu Giovanna *sive* Ġanna Camilleri; il-wirt huwa regolat minn testament *unica charta* li sar fl-atti tan-Nutar Joseph Vella Galea tal-31 t'Awissu 1966 (Dok. TM1) li permezz tiegħu wliedhom it-tmienja tħallew bħala werrieta universali bis-sostituzzjoni vulgari favur ulied il-predeċeduti u bid-dritt tal-akkrexximent favur il-werrieta l-oħra fil-każ tal-predeċessjoni mingħajr ulied;

Illi l-imsemmija konjuġi Camilleri kellhom tmien ulied: l-atturi (i) Maria Theresa Mann, (ii) Joseph Camilleri u (iii) Nazzareno Camilleri, (iv) Carmelo *sive* Charles Camilleri, li miet u li hu rappreżentat f'dawn il-proċeduri mill-armla tiegħu Lucy Camilleri u minn uliedu Deborah Saliba u Jennifer Camilleri, (v) Giovanni *sive* John Camilleri li miet u li hu rappreżentat f'dawn il-proċeduri mill-armla tiegħu Roslynn u minn uliedu Leanne Jane Camilleri, Pauline Gaye Smith u Karen Maree Camilleri, il-konvenuti (vi) Anthony *sive* Twanny Camilleri u (vii) Emanuel Camilleri, u (viii) Francis Camilleri li miet intestat u li sehmu mill-wirt ta' missieru ntiret minn ħutu skont il-liġi mentri sehmu mill-wirt ta' ommu għadda fuq ħutu w ulied ħutu bid-dritt tal-akkrexximent;

Illi għalhekk jidher illi l-kwoti ereditarji spettanti lill-partijiet huma rispettivament ta' parti indiviża minn sebgħa ($^{1}/_{7}$) kull wieħed u waħda favur Maria Theresa Mann, Joseph Camilleri, Nazzareno Camilleri, Anthony Camilleri u Emanuel Camilleri, parti indiviża minn erbatax ($^{1}/_{14}$) kull waħda favur Deborah Saliba u Jennifer Camilleri bħala werrieta ta' missierhom Carmelo Camilleri suġġett għal kull dritt li jista' jirriżulta favur ommhom Lucy Camilleri, u parti ndiviża minn wieħed u għoxrin ($^{1}/_{21}$) favur Leanne Jane Camilleri, Pauline Gaye Smith u Karen Maree

Camilleri suġġett għal kull dritt li jista' jirriżulta favur ommhom Roslynn Annette Camilleri;

Illi fost effetti oħra, l-assi ereditarju tal-konjuġi Camilleri jikkonsisti fis-segwenti proprjeta' immobbli (ara Dok. TM2, TM3 u TM4):

<u>Komunjoni tal-Awwisti</u>

- Dar matrimonjali 4 u 5, Sqaq San Dwardu, Żurrieq, inklużi żewġ garaxxijiet sottostanti imma annessi ma' 9, "Desire", Triq Kalanġ Saliba, Żurrieq;

- Razzett adjaċenti 3, Sqaq San Dwardu, Żurrieq;

- Porzjon art tal-kejl ta' 420metri kwadri b'faċċata fuq Triq Kalanġ Saliba, Żurrieq (area fabbrikabbli *zoned* għal tliet sulari, *semi-basement* u *penthouse*);

- Dirett Dominju ta' Lm20p.a. fuq 9 "Desire", Triq Kalanġ Saliba, Żurrieq;

- Qabar Nru 346, Ċimiterju San Leone, Żurrieq;

<u>Beni Parafernali ta' Giovanna Camilleri</u>

- Blokk ta' 4 appartamenti bl-isem "Frott il-Għaraq", Triq id-Daqqaq, Qajjenza, Birżebbuga flimkien ma' l-arja sovrastanti;

- Appartament Numru 1, "Ġawhra Flats", Triq il-Folklor, Qajjenza, Birżebbuġa flimkien ma' sehmu mill-partijiet komuni;

Illi l-konvenut Anthony Camilleri jgħix f'dar adjaċenti għall-imsemmija dar numri 4 u 5 fi Sqaq San Dwardu, Żurrieq, u meta kienet għadha ħajja l-omm fetaħ bieb li jniffed id-dar tiegħu mad-dar tal-ġenituri tiegħu; *inoltre*, huwa akkapparra għall-użu esklussiv tiegħu żewġ garaxxijiet sottostanti l-istess dar, niffidhom mad-dar tiegħu u rama' wieħed minn dawn il-garaxxijiet bħala kċina u kamra tas-

sodda għall-użu tal-familja tiegħu; minn meta mietet l-omm, Anthony Camilleri baqa' fil-pussess esklussiv tal-imsemmija dar komuni u garaxxijiet sottostanti billi rrifjuta li jgħaddi ċwievet lill-koeredi l-oħra;

Illi *inoltre*, l-istess Anthony Camilleri żamm il-pussess esklussiv ukoll tar-razzett adjaċenti li jġib in-numru 3 fi Sqaq San Dwardu, billi jżomm l-għodda tiegħu fih u anke f'dan il-każ irrifjuta li jgħaddi ċwievet lill-koeredi l-oħra;

Illi *inoltre*, minn qabel ma' mietu l-ġenituri, Anthony Camilleri waqaf iħallas iċ-ċens annwu u perpetwu ta' għoxrin lira Maltin (Lm20) gravanti l-art konċessa lilu minn missieru fejn bena d-dar tiegħu, 9 "Desire", Triq Kalanġ Saliba, Żurrieq;

Illi l-konvenut l-ieħor Emanuel Camilleri qiegħed jokkupa mingħajr ebda titolu għajr sehmu bħala koeredi l-appartament numru 4, "Frott il-Għaraq", Triq id-Daqqaq, Qajjenza, Birżebbuġa;

Illi *inoltre*, il-konvenuti Anthony u Emanuel Camilleri jew min minnhom ilhom minn meta mietet ommhom jiġbru l-kera tar-rimanenti erba' appartamenti fil-Qajjenz, Birżebbuġa, mingħajr ma jaqsmu l-istess kirjiet mal-werrieta l-oħra;

Illi finalment, għalkemm il-flus li kien hemm il-bank inqasmu, Anthony Camilleri żamm l-imgħaxijiet li kienu laħqu nġemgħu fuq l-istess sa dakinhar tal-qasma, u dan mingħajr raġuni valida fil-liġi;

Illi debitament interpellati sabiex jersqu għall-qsim bonarju tal-assi ereditarji msemmija, il-konvenuti ippretendew li jżommu bi dritt dak kollu li jinsab fil-pussess tagħhom, u għalhekk kellha ssir din il-kawża;

Jgħidu għaldaqstant il-konvenut għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:

i. Tiddikjara li l-wirt ta' Antonio u Giovanna Camilleri huwa regolat permezz tat-testment *unica charta* tagħhom li sar fl-atti tan-Nutar Joseph Vella Galea tal-31 t'Awissu 1966 (Dok.TM1), kif ukoll tiddikjara l-kwoti ereditarji spettanti lill-partijiet jew lil min minnhom skont ma jirriżulta matul is-smiegħ tal-kawża;

ii. Tillikwida l-assi ereditarji tal-mejtin konjuġi Antonio u Giovanna Camilleri billi tiddikjara li l-imsemmija assi ereditarji jikkonsistu f'dawk il-beni u assi li ser jirriżultaw matul is-smiegħ tal-kawża;

iii. Tiddikjara li l-konvenut Anthony Camilleri akkapparra u okkupa għall-użu esklussiv tiegħu mingħajr il-permess tal-koeredi l-oħra id-dar bin-numri 4 u 5 fi Sqaq San Dwardu, Żurrieq, il-garaxxijiet sottostanti u r-razzett adjaċenti numru 3, Sqaq San Dwardu, Żurrieq, kif ukoll illi l-istess Anthony Camilleri huwa debitur tal-assi ereditarju *de quo* ta' dawk ir-rati ta' ċens annwu u perpetwu mhux imħallsin minnu in konnessjoni maċ-ċens gravanti d-dar tiegħu 9 "Desire", Triq Kalanġ Saliba, Żurrieq, tiddikjara li l-istess konvenut Anthony Camilleri għandu jħallas kumpens għall-istess okkupazzjoni u l-arretrati taċ-ċens imsemmi, tillikwida tali kumpens u arretrati ta' ċens u tordna li l-istess kumpens huwa dovut mill-konvenut Anthony Camilleri u għandu jiġi kontribwit minnu lill-assi ereditarju *de quo* jew imnaqqas pro rata mis-sehem spettanti lilu mill-assi ereditarju;

iv. Tiddikjara li l-konvenut Emanuel Camilleri akkapparra u okkupa għall-użu esklussiv tiegħu mingħajr il-permess tal-koeredi l-oħra l-appartament li jġib in-numru 4 fil-blokka ta' appartamenti bl-isem "Frott il-Għaraq", Triq id-Daqqaqa, Qajjenza, Birżebbuġa flimkien ma' l-arja sovrastanti, kif ukoll illi Emanuel Camilleri u Anthony Camilleri jew min minnhom għamlu żmien jiġbru l-kirjiet tar-rimanenti appartamenti formanti parti mill-assi ereditarju komuni; tiddikjara li Emanuel Camilleri għandu jħallas kumpens għall-istess okkupazzjoni u li Emanuel Camilleri u Anthony Camilleri jew min minnhom huma debituri lejn l-assi ereditarji tal-kirjiet imsemmija, tillikwida tali kumpens u rati ta' kera, tordna li l-istess kumpens

huwa dovut mill-konvenut Emanuel Camilleri u li l-istess rati ta’ kera huma dovuti minn Emanuel Camilleri u Anthony Camilleri jew min minnhom u li tali kumpens u kera għandhom jiġu kontribwiti riespettivament minn Emanuel Camilleri u / jew minn Anthony Camilleri lill-assi ereditarju *de quo* jew imnaqqsin mis-sehem spettanti lilhom mill-assi ereditarju;

v. Tordna li l-istess assi jinqasmu skont il-kwoti ereditarji stabbiliti, wara li jiġi deċiż jekk l-sitess assi humiex komodament diviżibbli jew għandhomx jinbiegħu taħt l-awtorita’ ta’ din l-Onorabbli Qorti, flimkien ma’ dawk l-ekwiparazzjonijiet li jirriżultaw opportuni;

vi. Għal dan il-għan taħtar Nutar sabiex jippubblika l-att ta’ diviżjoni opportun fid-data, ħin u lok li tistabbilixxi din l-Onorabbli Qorti bil-ħatra ta’ kuraturi għall-eventwali kontumaċi u / jew inkella billi tordna l-bejgħ tal-assi mhux kommodament diviżibbli taħt l-awtorita’ ta’ dina l-Onorabbli Qorti bil-modalitajiet li jogħġobha tistabbilixxi dina l-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjeż, il-konvenuti nġunti minn issa insubizzjoni, u bir-riserva ta’ kull azzjoni ulterjuri fil-liġi.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta maħlufa tal-konvenut Anthony Camilleri, ppreżentata fis-27 ta’ Ġunju 2011 fejn eċċepixxa:

1. Illi l-esponent ilu jagħmel sforzi sabiex issir id-divizjoni tal-wirt tal-ġenituri u jaqbel mat-talbiet rigwardanti d-diviżjoni, iżda għal dak li jirrigwarda t-talbiet l-oħra, dawn huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż relattivi għalihom kontra l-atturi;

2. Illi d-diviżjoni għandha tirrispetta l-ftehim bejn il-partijiet jew il-parti l-kbira minnhom li kull min hu fil-pussess ta’ xi proprjeta’ devoluta għandu jżommha akkont ta’sehmu mill-wirt;

3. Illi l-qasma tal-proprjeta' għandha tinkludi l-ħlas lilu tal-kreditu li għandu kontra l-istess massa ereditarja in kwantu huwa bena ambjenti (benefikati) a favur tal-proprjeta' li trid tinqasam, u ċjoe' 4 – 5 Triq San Dwardu, Żurrieq.

4. Illi d-diviżjoni għandha tirrispetta wkoll d-dritt ta' min għandu proprjeta' personali fil-viċin li jagħżel dik il-proprjeta' li ser tinqasam u li tinsab hekk viċin tal-proprjeta' tiegħu, *ai termini* tal-artikolu 503 tal-Kodiċi Ċivili;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjini maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta maħlufa tal-konvenut Emanuel Cammileri, ppreżentata fis-6 ta' Lulju 2011, fejn eċċepixxa:

Illi fil-wieħed u tletin (31) t'Awissu tas-sena elf disa' mija u sitta u sittin (1966) il-konjuġi ġenituri tal-intimat, Antonio Camilleri u Giovanna Camilleri nee' Camilleri kienu għamlu testment *unica charta* fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Vella Galea f'liema testment huma ħallew lil uliedhom Carmel, Giuseppe, Teresa, Francesco, Giovanni, Emmanuele, Nazzareno u Antonio eredi universali tagħhom skont artiklu sitta (6) tal-istess testment;

Illi Giovanni u Carmelo llum deċeduti, kellhom ulied iżda Francesco li llum ukoll deċedut miet mingħajr ulied u ghaldaqstant il-porzjon illi jmiss lill-intimat huwa ta' wieħed minn sebgħa ($^{1}/_{7}$) tal-assi formanti parti mill-imsemmi wirt ġaladarba it-testaturi ħallew sostituzzjoni vulgari favur l-ulied tad-deċeduti fost uliedhom u d-dritt tal-akkrexximent favur l-aħwa werrieta l-oħra fil-każ li xi ħadd minn uliedhom imut mingħajr ulied;

Illi xi ħames (5) snin qabel il-mewt tal-omm fl-elf disa' mija u disgħa u disgħin, hi kienet tat lil binha l-intimat, Emanuel Camilleri, d-dritt illi joqgħod fl-appartament numru 1, "Frott il-Għaraq", Triq id-Daqqaqa, Qajjenza, Birżebbuġa *stante*

illi huwa kien l-uniku minn uliedha li ma kellux fejn joqgħod u dak iż-żmien kellu tifel ta' erba' (4) snin illi kien irabbih waħdu. L-omm m'għamlitlux kundizzjonijiet rigward dan l-appartament u lanqas qaltlu illi kien ser ikollu jivvakah jekk jew meta hija tiġi nieqsa.

Hija kulma kienet qaltlu kien illi dak il-post kien ser ikollu sehem minnu;

Illi wara l-mewt tal-omm, l-intimat Emanuel Camilleri, kien tkellem ma' ħutu Teresa u Anthony Camilleri biex jgħidilhom illi huwa xtaq illi minflok jibqa' jirrisjedi f'appartament numru 1, jibda jirrisjedi f'appartament numru 3 fl-istess blokk. Huma aċċettaw dan il-bdil u l-intimat ilu jgħix hemm hekk madwar tmien (8) snin u waqt dawn it-tmien (8) snin qatt ma kien hemm oġġezzjoni minn l-ebda minn ħutu;

Illi huwa qatt ma kien jgħix fl-appartament numru 4, "Frott il-Għaraq", Triq id-Daqqaqa, il-Qajjenza, Birżebbuġa li huwa l-appartament imsemmi fir-rikors promotur;

Illi rigwardanti l-kera tar-rimanenti erba' appartamenti fil-Qajjenza, Birżebbuġa l-intimat kategorikament jgħid li huwa qatt ma ġabar kera la f'ismu u lanqas f'isem ħaddieħor.

Għaldaqstant l-intimat isostni illi:

1. Rigward ir-raba' (iv) talba, mhux minnu illi huwa kkapparra u okkupa għall-użu esklussiv tiegħu mingħajr il-permess tal-ko-eredi l-oħra l-appartament li jġib in-numru 4, "Frott il-Għaraq", Triq id-Daqqaq, il-Qajjenza, Birżebbuġa flimkien mal-arja sovrastanti tiegħu u għalhekk din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex tilqa' t-talba tar-rikorrenti sabiex l-intimat iħallas kumpens tal-istess okkupazzjoni;

2. Rigward ir-raba' (iv) talba mhux minnu lanqas illi huwa qatt xi darba ġabar xi flus ta' kera u għaldaqstant din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex tilqa' t-talba tar-

rikorrenti biex tordna lill-intimat jagħti xi forma ta’ kumpens lill-eredi l-oħra.

Rat id-dikjarazzjini maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Semgħet il-provi;

Rat ir-rapporti tekniċi, tal-A.I.C. Gilbert Buttigieg, inkarigat mill-konvenut Emanuel Camilleri u tal-A.I.C. Valerio Schembri nominat mill-Qorti;

Rat l-atti proċesswali;

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta’ Novembru 2013 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher mir-rikors promotur l-atturi qed jitolbu l-qasma tal-assi ereditarji tal-ġenituri tagħhom illum mejta li huma ko-propjetarji flimkien mal-konvenuti. Qed jitolbu wkoll il-ħas ta’ danni għall-okkupazzjoni da parti tal-konvenuti ta’ parti minn dik il-proprjeta’.

Illi l-konvenut Anthony Camilleri filwaqt ma jopponix għal qasma, jikkontesta t-talba għad-danni, irriserva d-dritt li jitħallas tal-benefikati li għamel f’dar minnhom u talab jiġi applikat l-artikolu 503 tal-Kodiċi Ċivili billi jiġi assenjat proprjeta’ li tmiss ma’ proprjeta’ tiegħu. Il-konvenut l-ieħor Emanuel Camilleri ma jsemmi xejn fir-risposta tiegħu dwar il-qasma iżda jgħid li huwa għandu d-dritt jgħix fil-fond imsemmi minnu għaliex hekk qaltlu ommu xi snin qabel ma mietet. Jiċħad it-talba għad danni jew li ħa xi kirjiet.

Illi biex wieħed jifhem x’wassal għall-kawża tajjeb li jiġu riprodotti l-affidavits tal-attrici u tal-konvenut.

Illi min-naħa tagħha l-attriċi Theresa Mann xehdet b’dan il-mod:

*"Nibda billi nerġa' nikkonferma bil-ġurament tiegħi l-kontenut tar-rikors ġuramentat minni maħluf, u nżid ngħid illi sal-lum l-affarijiet għadhom kif spjegati fl-istess rikors ġuramentat.*

*Ngħid illi missieri fiż-żwieġ kien xtara razzett b'ħafna art miegħu fi Sqaq San Dwardu, Żurrieq. Dan ir-razzett għadu hemm sal-lum, b'dan illi missieri ħdejn ir-razzett kien bena d-dar fejn bdejna ngħixu bħala familja, b'żewġ garaxxijiet sottostanti. Sussegwentement, missieri kien biegħ xi plots mill-art, inkluż li kien ta plot lil ħija l-konvenut Twanny Camilleri b'ċens ta' Lm20 fis-sena. Jiena ma nafx jekk Twanny kienx iħallas iċ-ċens lil missieri, imma naf illi wara li miet missieri żgur li qatt ma ħallas ċens. Ngħid ukoll illi missieri jiġbor xi ċnus mill-imsemmija plots, imma ma nafx ngħid liema ċnus għadhom jitħallsu u liema ġew mifdija għaliex jieħu ħsieb kollox Twanny.*

*Mill-art għad fadal porzjon ta' 420 metru kwadru, li skont il-periti li kkonsultajna tista' tiġi żviluppata fi blokka ta' sitt appartamenti, żewġ penthouses u garaxxijiet basement u semi-basement. Dan apparti d-dar u l-garaxxijiet u r-razzett ta' missieri, illi wkoll għandhom potenzjal biex jitwaqqgħu u jinbnew appartamenti u garaxxijiet. Missieri kien xtara ukoll qabar fiċ-ċimiterju San Leone, Żurrieq, b'kuntratt ta' xiri privat.*

*Ngħid illi wara li miet missieri, ommi kienet xtrat l-ewwel appartament Nru 1 ta' "Ġawhra Flats" (first floor), Triq id-Daqqaqa, Qajjenza, Birżebbuġa, lest u mgħammar u mbagħad blokka ta' appartamenti ġebel u saqaf fl-istess triq. L-iskop taż-żewġ akkwisti kien bħala investiment, sabiex ommi tikri u ddaħħal ir-renti. Dak iż-żmien li miet missieri ma konniex qsamna flus, u għalhekk nippreżumi li ommi kienet qed tinvesti b'dan il-mod il-flus li kienu faddlu flimkien hi u missieri. Kienet lestiet l-appartamenti kollha u kienet tikrihom Lm70 fix-xahar.*

*Meta kienet għadha ħajja ommi, jiena stess kont kellimt lil ommi biex tikri wieħed mill-appartamenti lil ħija Manuel. Manuel dak iż-żmien kien qed jikri f'Ħal Safi u sid il-kera ried il-post lura, u għalhekk jien tħassartu. Manuel, iżda*

*approfitta ruħu u għalkemm daħal fl-appartament bit-tolleranza ta' ommi, meta talbitu l-kera hu qatt ma ħallasha. Ngħid fil-fatt illi ommi riedet tkeċċih u kienet twaħħal fija li jien kkonvinċejtha tħallih jidħol, imma li qatt ma ħadet proċeduri kontra tiegħu. Dak iż-żmien, Manuel kien daħal fl-appartament numru wieħed (1) fil-livell tat-tieni sular (first floor) ta' "Frott il-Għaraq". Xi snin ilu, wara li mietet ommi, kien tbattal l-appartament numru erbgħa (4) fit-tielet sular (2nd floor), u Manuel qabel u daħal fih. Ngħid illi huwa għamel dan mingħajr ma kkonsulta lil ħadd mill-werrieta, ħlief forsi lil Twanny billi l-konvenuti kienu dejjem konfoffa ma' xulxin. Illum, Manuel qiegħed jgħid u jsostni li l-appartament numru 4 u l-arja tal-blokka jappartjenu lilu. Ngħid illi llum-il ġurnata x'aktarx li l-arja tista' tiġi żviluppata.*

*Dwar l-appartamenti l-oħra, ngħid illi meta mietet ommi kienu kollha mikrija, bir-rata ta' Lm70 fix-xahar, u Twanny kien jiġbor il-kirjiet kollha. Sa fejn naf jien, illum il-ġurnata tbattlu kollha ħlief għall-appartament fejn joqgħod Manuel, imma ma nistax ngħid b'ċertezza għaliex Twanny qatt ma tana sodisfazzjoni tal-kirjiet. Mill-kirjiet, aħna l-atturi qatt ma ħadna ċenteżmu u qatt ma stajna namministrawhom sewwa, u dan billi ċ-ċwievet kollha qiegħdin għand Twanny u Manuel. L-istess japplika għall-ġbir taċ-ċnus tal-plots li biegħ missieri.*

*Dwar id-dar t'ommi, ngħid illi, meta mietet, Twanny biss kellu ċ-ċwievet u dejjem baqa' jirrifjuta li jagħtina kopja. Dak kollu li kien hemm fid-dar, inkluż għamara u effetti, kollha jinsabu fid-dar jew fil-pussess ta' Twanny. Ngħid illi wara li mietet ommi konna qsamna d-deheb tagħha u konna stennejna sabiex jimmaturaw id-depożiti li kellha l-bank sabiex naqsmuhom, imma li l-imgħaxijiet għadhom ma nqasmux u baqgħu għand Twanny, li kien jieħu ħsieb dawn id-depożiti. Ngħid ukoll illi, peress illi d-dar ta' Twanny tmiss mad-dar t'ommi, Twanny kien niffed id-dar tiegħu mal-garaxxijiet tagħha u kkonverta wieħed mill-garaxxijiet f'kamra tas-sodda u kċina u qed juża l-garaxx l-ieħor għall-karozza tiegħu. Ngħid illi Twanny minn dejjem kellu l-ħsieb li jagħmel hekk, għaliex meta bena d-dar tiegħu missieri kien irrabja ħafna miegħu li ma beniex*

*garaxxijiet taħt id-dar tiegħu. Illum ngħid illi għamel hekk għax minn dejjem kellu l-ħsieb li jakkapparra l-garaxxijiet jekk mhux ukoll id-dar ta' missieri u ommi. Ir-razzett ukoll jinsab f'idejn Twanny, li jużah għall-affarijiet tiegħu u ma jridx itina kopja taċ-ċavetta."*

Illi da parti tiegħu l-konvenut, Emanuel Camilleri fl-affidavit tiegħu jgħid hekk:

*"Illi fil-wieħed u tletin (31) t'Awissu tas-sena elf disa' mija u sitta u sittin (1966) il-ġenituri tiegħi, Antonio Camilleri u Giovanna Camilleri nee' Camilleri kienu għamlu testment unica charta fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Vella Galea fejn jien, flimkien ma' ħuti Carmel, Giuseppe, Teresa, Francesco, Giovanni, Nazzareno u Antonio, ġejna nominati bħala eredi universali tagħhom skont artikolu sitta (6) tal-istess testment;*

*Ħuti Giovanni u Carmelo illum it-tnejn deċeduti, kellhom ulied iżda Francesco li llum ukoll deċedut miet mingħajr ulied u għaldaqstant il-porzjon illi kien imiss lili bħala eredi kienet ta' wieħed minn sebgħa ($^{1}/_{7}$) tal-assi formanti parti mill-imsemmi wirt tal-ġenituri tiegħi, ġaladarba t-testaturi ħallew sostituzzjoni vulgari favur it-tfal ta' ħuti deċeduti u d-dritt tal-akkrexximent favur l-aħwa werrieta l-oħra fil-każ li xi ħadd minn uliedhom imut mingħajr ulied;*

*Xi ħames (5) snin qabel il-mewt ta' ommi fl-elf disa' mija u disgħa u disgħin, hi kienet tatni d-dritt illi noqgħod fl-appartament numru 1, "Frott il-Għaraq", Triq id-Daqqaqa, Qajjenza, Birżebbuġa stante illi jiena kont l-uniku wieħed minn ħuti illi ma kelliex fejn noqgħod u dak iż-żmien kelli tifel ta' erba' (4) snin illi kont irabbi waħdi. Ommi ma kienitx għamlitli ebda kundizzjoni fir-rigward ta' dan l-appartament. Lanqas kienet qaltli li kien ser ikolli nivvakah jekk jew meta hija tiġi nieqsa. Hija kull ma kienet qaltli kien illi dak il-post kien ser ikolli sehem minnu;*

*Wara li mietet ommi, jien kont tkellimt ma' ħuti Maria Teresa u Anthony Camilleri sabiex ngħidilhom illi jien xtaqt illi minflok nirrisjedi f'appartament numru 1, immur nirrisjedi f'appartament numru tlieta (3) tal-istess blokk.*

*Huma aċċettaw dan il-bdil u jien ili ngħix hemm hekk madwar tmien (8) snin u tul dan iż-żmien qatt ma kelli oġġezzjoni mingħand l-ebda wieħed jew waħda minn ħuti;*

*Ngħid ukoll illi jien qatt ma kont ngħix fl-appartament numru 4, "Frott il-Għaraq", Triq id-Daqqaqa, il-Qajjenza, Birżebbuġa u li huwa l-appartament imsemmi fir-rikors promotur;*

*Rigwardanti l-kera tal-erba' appartamenti l-oħra fil-Qajjenza, Birżebbuġa jien kategorikament ngħid illi qatt ma ġbart kera la f'ismi u lanqas f'isem ħaddieħor.*

*Ngħid ukoll illi waqt żewġ konversazzjonijiet li kelli fuq it-telefon ma' oħti Maria Theresa sive Tessi Mann, jidher biċ-ċar illi l-fatti kif qed nistqarr huma veritiera. Compact Disk bir-recording tal-istess konverżazzjoni qegħda tiġi hawn annessa.*

*Fl-istess konverżazzjoni oħti tgħid 'Jiena għidtlu d-dritt. Huwa qiegħed joqgħod hemm għax ommi ħallietu joqgħod hemm' u dan b'referenza għal fatt illi jien nabita fl-appartament surriferit. Jien infurmajtha illi l-akkużi miġjuba kontrija, u ċjoe' li jien ġbart il-kera meta ma kellix id-dritt nagħmel dan, kienu 'akkużi kriminali'. Tessie rrispondietni billi qaltli 'Imma dawk mhux jiena, ma semmejtlux kera jien'. Inoltre Tessie issostni illi kien hemm 'misunderstanded' (sic) u b'referenza għar-rikors intavolat mill-atturi tgħid, 'Jiena ma nafx kif ġiet jien fuq il-karti' u li 'esaġera allura hu, esaġera fuq li għidtlu jiena'.*

*Tessie terġa' tagħmel referenza għar-rikors tal-atturi u tgħid 'Jien meta saqsieni dawk l-affarijiet ... għidtlu kien hemm ħija. Qalli da jħallas il-kera? Għidtlu dak ommi ħallietu joqgħod hemm. Għall-ewwel beda jħallas umbagħad ma ħaditlux flus iżjed. Mhux hekk kienet dik?'*

*Tessie tkompli tgħid 'Il-postijiet ħija Twanny krihom. Hu ġabar il-kera ... meta mietet ommi hu baqa' jikrihom u baqa jiġbor il-kera.*

*Illi din il-konverżazzjoni tikkonferma l-fatti kif mistqarra minni u toħroġ id-deskrepanza netta bejn dak illi tgħid Maria Theresa sive Tessie Mann u dak li ġie nsinwat fir-rikors u fil-Qorti fil-konfront tiegħi.*

*M'għandi xejn iżjed x'inżid f'dan l-istadju."*

Illi Anthony Camilleri xehed fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2012 u qal il-verżjoni tiegħu kif esposta fir-risposta ġuramentata tiegħu.

Illi Emanuel Camilleri, esebixxa dokumenti rilaxxati mill-Perit Buttigieg, fuq imsemmi, li permezz tagħhom ġew valutati l-propjetajiet in kwistjoni. Permezz tal-verbal a fol. 90, il-parijitet qablu ma' dawk il-valutazzjonijiet *eccetto* dik a folio 82 (tad-dar u r-razzett) u kien għalhekk li l-Qorti kellha tinnomina hija stess lill-A.I.C. Valerio Schembri li allura rrelata dwar il-valur tagħhom sija flimkien u sija separatament fuq talba tal-konvenut Anthony Camilleri.

Illi għandu jingħad mill-ewwel illi fir-rigward tat-talbiet għad-danni u ħlas ta' kirjiet allegatament miġbura mill-konvenuti, dawn ma rriżultawx provati għaliex ma hemm ebda prova konkreta li tista' twassal il-Qorti biex tilqa' dawn it-talbiet – *onus probandi incubit qui dicit non ei qui negat'* (**"Lenicker vs Camilleri"**, deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Mejju 1972 u **"Aquilina vs Vella"**, deċiża mill-Appell Inferjuri fit-2 ta' Mejju 1995) u kif ukoll jgħid fi kliem ieħor l-arikolu 562 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.

Illi kwantu għall-qasma tal-proprjetajiet huwa evidenti għall-Qorti li minħabba n-numru ta' ko-propjetarji, dawn mhumiex komodament diviżibbli u ghalhekk se tordna l-bejgħ tagħhom, u rirkavat jinqasam bejn il-kontendenti fil-kwoti ndikati mill-atturi fir-rikors promotorju, liema kwoti ma hemmx kontestazzjoni reali dwarhom.

Illi hemm kontestazzjoni da parti tal-konvenut Anthony Camilleri dwar jekk id-dar u r-razzett għandhomx jinbiegħu flimkien jew le. Min-naħa tiegħu huwa jsostni li dawn għandhom jinbiegħu separatament, u nfatti kien għalhekk li kellha ssir valutazzjoni addizzjonali mill-Perit Schembri li

pero' wasal għall-konklużjoni illi kien aktar vantaġġjuż illi jinbiegħu flimkien ghalkemm id-differenza bejn il-valutazzjonijiet rispettivi mhijiex daqshekk kbira. Il-Qorti pero' se tordna l-bejgħ tagħhom flimkien a vantaġġ tal-partijiet.

Għaldaqstant, il-Qorti se tordna l-bejgħ tal-proprjetajiet kif imsemmi a bażi ta' dawn l-istimi:

**PROPRJETAJIET**

- **Dar 4 u 5, Sqaq San Dwardu, iż-Żurrieq inkluż żewġ garaxxijiet u r-razzett adjaċenti a bażi tas-somma ta' tliet mitt elf Ewro (€300,000) kif stmat minn A.I.C. Valerio Schembri fir-relazzjoni tiegħu;**

- **Porzjoni art ta' kejl 420 metri kwadri b'faċċata fi Triq Kalanġ Saliba, Żurrieq a bażi tas-somma ta' mitejn u ħmistax-il elf Ewro (€215,000) kif stmata *ex parte*, a fol. 81, minn A.I.C. Gilbert Buttigieg;**

- **Blokk t'appartamenti bl-isem "Frott il-Għaraq", Triq id-Daqqaqa, Birżebbuġa a bażi tas-somma ta' sebgħin elf Ewro (€70,000) kif stmat *ex parte*, a folio 87, ukoll minn A.I.C. Gilbert Buttigieg;**

- **Appartament numru 1 Ġawhra Flats Triq il-Folklor Birżebbuġa a bażi tas-somma ta' ħamsa u sebgħin elf Ewro (€75,000), skont l-istima *ex parte* a fol. 85, ta' A.I.C. Gilbert Buttigieg.**

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' l-ewwel, it-tieni u l-ħames talba u tordna li l-proprjetajiet imsemmija taħt it-titolu Proprjetajiet (u kif indikati fil-pjanti esebiti u redatti minn A.I.C. Buttigieg fil-proċess tal-kawża) jinbiegħu a bażi tal-prezzijiet kif imsemmija.**

**Il-Qorti tordna wkoll il-bejgħ tal-qabar u dirett dominju msemmi fir-rikors promotorju, b'dan illi jekk issir it-talba għal bejgħ tagħhom ukoll, dawn għandhom jiġu**

**stmati minn A.I.C. Valerio Schembri, li qed jiġi nominat minn issa għal dan l-iskop; Ir-rikavat ta' dawn l-assi għandu jinqasam kif indikat fir-rikors promotorju fir-rigward tal-ishma tal-partijiet fil-kawża;**

**Il-Qorti tiċħad it-tielet u r-raba' talba u tastjeni milli tieħu konjizzjoni tas-sitt talba billi ma hemmx lokha;**

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-partijiet skont l-ishma rispettivi tagħħom, *eccetto* dawk relatati mat-tielet u r-raba' talba li jkunu a kariku tal-atturi, kif ukoll dawk tal-ispejjeż tal-perizja addizzjonali tal-A.I.C. Schembri li għandhom jiġu sopportati interament mill-konvenut Anthony Camilleri billi l-istess perizja saret inutilment fuq fuq talba tiegħu.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------